MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 67/2008

Il-Pulizija

(Supretendent Mario Bonello)

Vs

Julian Sultana ta’ 21 sena bin Michael Angelo u Josephine nee’ Cassar imwieled Victoria Ghawdex fit-03 ta’ April 1989 u joqghod Josang, Triq Ta’ Bertrija, Xaghra, Ghawdex li ghandu in-numru tal-karta ta’l-identita’ 020089(G).

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Julian Sultana li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. Fil-21 ta' Dicembru 2006 ghal habta ta' 04.45p.m. fix-Xaghra Ghawdex, b'negligenza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku waqt li kien qed isuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAU 549 tal-ghamla Yamaha ikkaguna l-mewt ta' Joseph Xerri mix-Xaghra.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'negligenza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku waqt li kien qed isuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAU 549 tal-ghamla Yamaha ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Xerri skond kif iccertifika Dr. B. Gatt M.D.
3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'negligenza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku waqt li kien qed isuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAU 549 tal-ghamla Yamaha ikkaguna hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe' hsarat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOE921 ghad-dannu ta' Joe Xerri mix-Xaghra.
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmi mutur b' manjiera traskurata u perikoluza.
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmi mutur b'manjiera bla kont.
6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmi mutur minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku jew minghajr licenzja specifikata ghal dik il-vettura.
7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmi mutur meta ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Marzu 2009.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dina l-kawza titratta dwar incident tat-traffiku fatali fejn tilef hajtu Joseph Xerri, zaghzugh ta' sbatax-il sena li kien riekeb bhala passigier jew *pillion rider* fuq mutur misjuq mill-imputat li fi zmien l-incident ukoll kellu sbatax-il sena. Jidher illi dana s-sinistru stradali sehh fi Triq Ghajn Xejba limiti tax-Xaghra u cioe' fit-triq li tiehu minn Marsalforn lejn ix-Xaghra bejn wiehed u iehor vicin ir-restauarant bl-isem Ta' Frenc. Jidher illi l-imputat kien qieghed isuq mutur li ghalkemm kien gie mixtri minnu madwar xahar qabel ma sehh l-incident, dan kien gie irregistrat fuq certu Kevin Camilleri peress illi l-imputat f'dak iz-zmien kien ghadu minorenni. L-imputat ghalhekk la kellu licenzja tas-sewqan u wisq anqas il-mutur tieghu kellu kopertura ta' assikurazzjoni u dana fid-dawl tal-fatt illi dana l-mutur kien registrat bhala iggaraxxjat mal-Awtorita Dwar it-Trasport.[1] Il-vettura l-ohra involuta fl-incident kienet vettura tal-ghamla Pajero bin-numru ta' registrazzjoni JOE921 misjuqa minn certu Joseph Xerri ukoll mix-Xaghra. Kien ghal habta tal-4:30 ta' wara nofs in-nhar meta Joseph Xerri is-sewwieq tal-Pajero kien tiela' ghall-affari tieghu mid-direzzjoni ta' Marsalforn lejn ix-Xaghra biex jerhilha lejn id-dar tieghu. Mid-direzzjoni l-opposta kienu gejjien iz-zghazagh fuq il-mutur. Izda hekk kif il-mutur wasal f'kisra li fiha hemm ammont ta' qasab hiereg ghal gewwa t-triq, l-imputat ma irnexxielux jikkontrolla l-mutur u spicca invada l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u b'hekk laqat il-Pajero misjuqa minn Xerri. Jirrizulta illi l-imputat kien qieghed isuq b'velocita eccessiva tant ghalhekk illi mal-impatt huwa tilef kontroll tal-mutur. Kemm l-imputat kif ukoll siehbu Joseph Xerri intremew minn fuq il-mutur ghal mal-art filwaqt illi l-mutur baqa' jitkaxkar, tkisser f'bicciet li spiccaw mifruxin matul it-triq kollha u fl-ahhar intrema go ghalqa iktar 'l isfel. Illi mal-impatt is-

[1] Ara xhieda Saviour Farrugia a fol.142

sewwieq tal-Pajero ukoll tilef il-kontroll tal-vettura tieghu meta l-hgieg tal-mera tan-naha tas-sewwieq inkiser f'wiccu u b'konsegwenza ta' dan huwa ma baqax jara. B'hekk spicca habat mal-hajt fuq in-naha tal-lemin tieghu.

B'konsegwenza ta' dana l-incident kemm l-imputat kif ukoll siehbu Joseph Xerri sofrew griehi ta' natura gravi filwaqt li Joseph Xerri s-sewwieq tal-Pajero, sofra griehi ta' natura hafifa. Sfortunatament iz-zaghzugh Xerri spicca tilef il-glieda tieghu mal-mewt ftit tal-jiem wara u miet fl-Isptar San Luqa kagun tal-griehi gravi li sofra f'rasu.[2]

Illi l-vettura tal-parti leza Joseph Xerri sofriet hsarat estensivi f'dana s-sinistru stradali u dana fuq il-parti frontali taghha l-aktar lejn in-naha tal-lemin u fuq l-istess genb tal-lemin sa fuq il-bieba tax-xufier. Kien hemm daqqa qawwija fuq il-bumper u b'konsegwenza ta' dina d-daqqa t-tyre garrab daqqa soda ukoll u sploda. Il-mera tan-naha tax-xufier tqacctet minn postha. Illi anke l-mutur sofra hsarat estensivi, kellu daqqa qawwija fuq il-parti frontali tieghu, u spicca tkisser kompletament.[3]

Illi ghalhekk mill-provi akkwiziti f'dawn l-atti processwali u senjatament mix-xhieda ta' Joseph Xerri, is-sewwieq tal-Pajero u r-rapporti tal-esperti nominati fl-inkjesta magisterjali ma hemmx dubbju illi kien is-sewwieq tal-mutur u cioe' l-imputat li kien jahti unikament ghal dana s-sinistru stradali. Jidher illi l-kawza prossima ta' dana l-incident kienet il-velocita eccessiva li biha l-mutur kien qieghed jinsaq. Dana wassal sabiex is-sewwieq u cioe' l-imputat ma kellux kontroll shih fuq il-mutur minnu misjuq bil-konsegwenza li ma kienx kapaci jimmanuvra l-liwja li kien hemm fit-triq iktar u iktar meta wasal vicin is-sigar tal-qasab u kellu johrog iktar lejn nofs it-triq. Jidher illi l-imputat ma irnexxielux jerga jidhol fil-karreggjata tieghu u b'hekk laqat il-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni l-opposta. Billi l-velocita kienet wahda eccessiva l-impatt kien wiehed enormi. Xhieda ta' dana hemm il-hsarat estensivi li sofra l-mutur li spicca tkisser f'bicciet u l-fatt

---

[2] Ara rapport ta'l-awtopsja a fols. 38 et. Seq.
[3] Ara rapport ta' Jospeh Zammit a fols.143 et. Seq.

ukoll illi l-imputat u siehbu li kienu rekbin fuq l-istess mutur spiccaw taru minn fuqu u waqghu b'impatt kbir mal-art tant illi t-tnejn li huma sofrew griehi gravi. Sfortunatament iz-zaghzugh Xerri habat rasu u b'hekk spicca sofra frattura tal-kranju bil-konsegwenza li tilef hajtu.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll li saq b'manjiera perikoluza u bla kont. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju 1997 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:
"S**ewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.
**Sewqan bla kont** (*reckless driving*) hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.'
**Sewqan perikoluz** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.
Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak tas-sewqan bla kont u f'dawk tas-sewqan perikoluz."

Illi maghdud dana kollu ghalhekk ma hemmx dubbju ghalhekk illi s-sewqan tal-imputat kien wiehed perikoluz u bla kont.

Finalment mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputat kien ghadu taht l-eta meta sehh dana l-incident u kwindi la kellu licenzja tas-sewqan u wisq anqas kellu polza tal-assikurazzjoni li tkopri dawn is-sinistri stradali.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti trid bil-fors tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat kellu sbatax-il sena meta sehh l-incident u kwindi l-piena ghandha tonqos bi grad jew tnejn ai termini tal-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre huwa ghandu fedina penali nadifa. Il-Qorti sejra wkoll tiehu in kosniderazzjoni l-fatt illi l-imputat hallas id-danni li gew likwidati permezz ta' sentenza tal-qrati civili.[4]

Il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora l-fatt illi bniedem tilef hajtu minhabba n-nuqqas ta' prudenza u diligenza fis-sewqan tal-imputat. Il-hajja umana hija xi haga prezzjuza u ghalhekk hija r-responsabbilta ewlenija ta' kull sewwieq illi jara illi s-sewqan tieghu fl-ebda mument ma jkun tali illi jipperikola l-hajja ta' persuna ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(c), 328(a), 17(b), 31 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a),(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

[4] Ara verbal 3 ta' Novembru 2009

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ elf seba’ mija u wiehed u tmenin euro u disa’ centezmi (€1781.09) dovuti in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Finalment il-Qorti qieghda tissosspendi l-licenjza tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------